MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Numru 330/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Keith Arnaud**
**vs**
**Sammy Spiteri**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Sammy Spiteri ta' 33 sena iben Tony u Mary Rose nee' Spiteri mwieled Pieta fid-9 ta' Mejju 1974 u residenti 43, Canada, Flat 2,Triq Ganni Bencini Gzira, ID 224274M.**

**Akkuzat talli bejn il-11 ta' Awissu 2006 u it-3 ta' April 2008 fi proceduri civili jew kriminali, kkorrompa xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jaghti xhieda falza jew jaghmel perizja falza jew jaghti tifsir falz, liema xhieda falza giet moghtija nhar it-3 ta' April 2008 waqt is-smiegh ta' gbir ta' provi fil-kawza 'Il-Pulizija vs**

**Uanathan Bonsfield' quddiem il-Magistrat Dr Anthony J Vella LL.D.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal din l-imputazzjoni, liema ammissjoni kienet kkonfermata wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Ghaldaqstant din giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti, rat l-atti kollha tal-process, inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji kif wkoll il-kunsens ta' l-imputat sabiex l-istess proceduri jkunu sommarji.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 102 tal-Kap 9, ssib lill-imputat hati ta' l-imptuazzjoni dedotta kontra tieghu.**

**Dwar il-piena, il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza. Jidher li l-imputat kien safa' vittma u beza' li mhux ser ikollu provi bizzejjed biex jipprova l-kaz tieghu. S'intendi din mhix raguni li tiggustifika l-ghemil ta' l-imputat.**

Meta qieset ic-cirkostanzi kollha, il-Qorti flok qed tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------